TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 83/19/F

**Rodianne Spiteri**

**vs**

**Maschio**

Illum, 3 ta' Diċembru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Lulju, 2019 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u għaxar Ewro (€210), rappreżentanti l-prezz ta' suit illi kienet inqasmet il-ħjata.

L-intimat issottometta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li hija rappreżentanta ta' soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ordnat suit tal-praċett għat-tifel u għal okkażjonijiet oħra mingħand is-soċjeta' ntimata, u wara li libisha l-ewwel darba, l-ġlekk faqqa u beda jiżżarrat u l-intimat ipprovdiet ġlekk ieħor, pero' mbagħad kemm il-ġlekk u kif ukoll il-qalziet kellhom il-ħsara.

It-Tribunal qed jiddeċiedi ta' min hu t-tort eżatt, u t-Tribunal qed jikkonkludi li l-qisien ħaduhom is-soċjeta' ntimata, pero' r-rikorrenti riditha *slim fit* li hija problema.

It-Tribunal, għalhekk jinnota li kien hemm negliġenza daparte tas-soċjeta' ntimata li ma ħaditx il-qies tajjeb anke minkejja li għamlu x-xogħol doppju, u r-rikorrenti li riedet *slim fit* li ċertu qisien ma jmorrux.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitt Ewro (€100), bħala danni, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888